MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru. 432/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs-**
**GREZZJU PISANI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GREZZJU PISANI** bin Philip u Margaret nee Mercieca residenti Madonna tal-Grazzja, Triq ix-Xemen, Sannat, detentur tal-karta tal-identita` nurmu 48554 (G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-tmienja w ghoxrin ta’ Awissu, 2003 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghodu, fi triq il-Felkun, Sannat, ingurja u hedded verbalment lil Raymond Grima u/jew ipprovokah ghal glied barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lil Raymond Grima, Jacqueline Grima u WPS 160 u lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata b'mod soddisfacenti u dan ghaliex il-Qorti ghamlet ezami tax-xhieda prodotta u filwaqt li qieset il-komportament u l-imgieba taghhom waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda, thoss illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni b'mod partikolari Jacqueline Grima ghandha mis-sewwa u hija tal-fehma illi l-kelma "harraj" indirizzata lil Raymond Grima hija ingurjuza.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, wara li rat l-artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati u tikkundannah amenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------